MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 801/2009

**George u Helen konjugi Vella**

**Vs**

**Simon sive Xmun Azzopardi, Josephine sive Jessie Azzopardi, id-Direttur tal-Agrikoltura u l-Avukat Generali**

Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Marzu 2013 (fol. 151), din il-qorti ddecidiet:

***"1.Tilqa' l-ewwel eccezzjoni li l-Avukat Generali m'huwiex legittimu kontradittur u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.***

***2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Azzopardi.***

***3.Tilqa' l-ewwel erbgha (4) talbiet tal-atturi in kwantu dawn saru fil-konfront ta' Simon u Josephine konjugi Azzopardi, b'dan li l-atturi huma obbligati jhallsu l-prezz pattwit lill-konvenuti Azzopardi kontestwalment mar-registrazzjoni tal-kwota u l-intitolamenti f'isem l-attur u li ghad trid issir mid- Dipartiment tal-Agrikoltura.***

***4.Tillibera lid-Direttur tal-Agrikoltura mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tar-raba', hames u sitt talbiet peress li kien minhabba l-agir tal-konvenut Azzopardi li ma gietx finalizzata r-registrazzjoni tat- trasferiment u l-atturi sofrew danni. B'dan li dan il- konvenut ghandu minnufih jara x'fadal x'isir u jaghmlu sabiex jigi finalizzat it-trasferiment tal- kwantita' ta' riferenza favur l-atturi flimkien mal- intitolamenti relevanti.***

***Spejjez a karigu tal-konvenuti Azzopardi, b'dan li d- Direttur tal-Agrikoltura ghandu jaghmel tajjeb ghall- ispejjez meqjusa l-posizzjoni li ha wara l-ittra legali mibghuta mill-konvenut"***.

Fadal illum li jigu likwidati d-danni (talbiet numru hamsa u sitta). Danni li jikkonsistu f'telf ta' qliegh minhabba li l-konvenuti Azzopardi ma hallewx lill-atturi li jaghmlu uzu minn **80 gallun kwota ta' halib ghal kuljum** wara li kien sar negozu bejniethom permezz ta' skrittura datata 24 ta' Marzu 2004 li biha l-konvenuti ttrasferew dik il-kwota lill-atturi.

L-atturi pprezentaw rapport ta' Emanuel Ellul, accountant li xehed li kienu ilu 25 sena jatihom servizz ta' accountant. Fir-rapport tieghu kkonkluda li:-

*"(a) Lost Financial Aid Entitlement Income up to 30$^{th}$ April, 2013 amounts to €39,499….*

*(b) Lost income from milk sales net of variable costs up to 30$^{th}$ April 2013 amounts to €103,487….*

*(c) Based on the above, a average of €26.50 of Financial Aid Entitlement Income per day is lost as from 1$^{st}$ of May 2013 until milk quota in question is transferred…..*

*(d) Based on the above an average of €71.08 of profit (sales net of fodder costs) per day is lost as from 1$^{st}$ of May, 2013 until milk quota in question is transferred…."* (fol. 185).

Jirrizulta li fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 sa 28 ta' Frar 2010 u l-1 ta' Awissu 2010 sal-31 ta' Lulju 2011, l-attur ma setax jipproduci bizzejjed halib biex jilhaq il-kwota; *"This is because Mr Vella purchased cows that were still not of production age to replace original*

*herds due to he Leucosis disease. It is normal and permissible that a milk producer rents out the milk quota (not utilized because of short fall of milk production for any reason) to another farmer"* (fol. 184).

Meta xehed Ellul qal:

- Il-kalkoli li ghamel jibdew mill-5 ta' Mejju 2009;
- Fil-kalkoli kkunsidra l-ispejjez sabiex l-attur jipproduci 80 gallun halib kuljum. Spejjez jinkludu fuel, medicini, dawl, ilma u xiri ta' gwiez;
- Il-kalkoli huma bazati fuq il-kwota ta' glalen halib li l-attur kien intitolat li jipproduci;
- Kien hemm perjodu meta fir-razzett tal-atturi kien hemm il-marda tal-Leucosis li wassal li matul dak il-perjodu l-baqar kellhom jinqatlu u ghalhekk kienet waqfet il-produzzjoni tal-halib;
- Gallun halib hu ekwivalenti ghal 4.68238 kilogrammi;

Jidher li x-xhud ghamel il-kalkoli fuq il-massimu tal-halib li seta' jigi prodott fuq kwota ta' 80 gallun kuljum. Hu evidenti li x-xhud inkluda dik il-kwota zejda li r-rahhal jista' jipproduci fuq il-kwota li jkollu (ara Dok. C a fol. 188 fejn l-ispejjez gew kalkolati fuq 120 gallun kuljum ghas-snin 2009 sa 2010 u 124.40 gallun kuljum ghas-snin 2011 sa 2013, kif ukoll Dok. D a fol. 191 li jirreferi ghal bejgh ta' halib kuljum matul is-sena 2013 fuq kwota ta' 124.40 gallun kuljum[1]).

Ix-xhud ikkalkola li d-dhul tal-atturi ghal kull gurnata kien ikun ta' **€71.08**, kieku kellhom il-kwota li l-konvenuti Azzopardi ttrasferewlhom[2]. Ghalkemm kien hemm perjodi meta ma kienx qieghed jigi prodott halib minhabba mard li kien hemm fir-razzett tal-atturi, jirrizulta li rahhal xorta jkun jista' jikri l-kwota lil terzi, u b'hekk xorta jkollu qliegh mill-kwota li jikri lit-terz.

Bazat fuq il-kalkoli ta' bejgh ta' halib u spejjez (variable costs), fil-perjodu bejn 5 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' April 2013, fuq medja l-introtju kien ta' **€62.77** ghal kull gurnata. Cifra li ma fihiex qliegh mill-kiri. Ovvjament din hi biss *projection* u ma jistax ikollok certezza. Stima bazata fuq certu taghrif li ma nghadx is-sors minn fejn ingieb it-taghrif. Hekk per ezempju l-

[1] Frank Caruana, ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, xehed: *"Ghalhekk kieku dan it-transfer gie konkluz u l-kwota giet registrata f'isem l-attur, ifisser li kien ikollu 80 gallun times 55.5 percent ghal kull gurnata at full price"* (fol. 324).

[2] Mid-dokument B a fol. 402 jidher li dan il-kalkolu jinkludi telf ta' qliegh f'kera matul il-perjodu l-1 ta' Jannar 2010 sat-28 ta' Frar 2010; l-1 ta' Awissu 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010; u l-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Lulju 2011.

ispiza ta' ikel kuljum ghal kull baqra. Il-qorti tinnota wkoll li r-rapport imhejji minn Emanuel Ellul ma jinkludiex taghrif ta' x'bejgh u spejjez kellhom l-atturi fil-perjodu li ghalih jirreferi r-rapport u l-kwota tal-halib li effettivament kienu qeghdin jutilizzaw. Taghrif li seta' jkun ta' ghajnuna biex wiehed ikollu stampa iktar wiesgha. Min-naha l-ohra ghal dak li jikkoncerna l-prezz ta' bejgh tal-halib, jirrizulta li r-relatur gabar it-taghrif minn dokumenti mahruga mill-Malta Dairy Products u l-Koperattiva Produtturi tal-Halib Ltd ghall-hlasijiet li l-attur ircieva matul l-istess zmien, kopja ta' liema gew mehmuza mar-rapport tieghu.

Hemm ukoll somma ohra ta' **€26.50** kuljum f'ghajnuna finanzjarja li kienu jkunu ntitolati ghaliha. Min-naha taghhom il-konvenuti ma kkummentaw xejn dwar dan. Il-qorti fehmet li din hi cifra fissa li tithallas mill-Gvern, u li l-atturi ghadhom ma bbenefikawx minnha fir-rigward tal-kwota li ttrasferewlhom il-konvenuti[3]. M'huwiex car jekk din ic-cifra tithallas ukoll fil-perjodu meta ma jkunx qieghed jigi prodott il-halib.

Ghalkemm jidher li l-konvenuti jsostnu li l-atturi ma kellhomx bizzejjed baqar fir-razzett sabiex ikunu jistghu jipproducu kwota ta' 80 gallun kuljum, fil-fehma tal-qorti dan l-argument hu dghajjef. Ir-raguni tghidlek li jekk kien hekk ir-rahhal kien jakkwista iktar baqar biex jiehu l-qliegh minn dik il-kwota jew alternattivament jikriha lil terzi. Inoltre mit-taghrif li nghata minn Frank Caruana[4], jidher li hi korretta l-fehma ta' Emanuel Ellul dwar in-numru ta' baqar li kien ikollhom bzonn l-atturi ghall-produzzjoni tal-kwota li akkwistaw minghand il-konvenuti.

Mehud in konsiderazzjoni ta' dak li nghad hawn fuq il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' **€75** ghal kull gurnata bhala telf ta' qliegh[5].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

---

[3] Fir-rapport ta' Emanuel Ellul jinghad: *"Financial Aid Entitlement Income – This represents a payment to each milk producer of Euro 120.95 per gallon of milk quota held (80 gallons) and paid annually for period 1st April to 31st March by Ministry for Rural Affairs and the Environment to each milk quota holder"* (fol. 183).

[4] Ara Dok. FC1 a fol. 326 fejn hemm jinghad li baqra wahda tipproduci medja ta' 3.81 halib kull gurnata.

[5] Il-qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-atturi kienu pprezentaw nota (fol. 15) fejn iddikjaraw li d-danni li sofrew kienu telf ta' €23.29 kuljum li jirreferi ghal entitlement marbutin mal-Kwantita ta' Riferenza PT27/09-10 u €46.59 riferibbli ghall-kwota nfisha, b'total ta' €69.88 ghal kull gurnata.

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' hamsa u sebghin ewro (€75) ghal kull gurnata mis-6 ta' Mejju 2009 sal-lum flimkien mas-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed euro (€2,301) spejjez relatati mar-rapport ta' Emanuel Vella[6].**
2. **Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' mija u sebgha u hamsin elf tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€157,875)[7] flimkien mas-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed euro (€2,301) u bl-imghax mil-lum.**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Ara kont a fol. 181.

[7] Bejn is-6 ta' Mejju 2009 u d-9 ta' Frar 2015 hemm 2,105 gurnata. Ovvjament jibqghu mpregudikati kull pretensjoni tal-atturi ghal wara llum.